KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fit-3 ta' Marzu 2022 [1]

Kawża C-873/19

Deutsche Umwelthilfe eV
vs
Bundesrepublik Deutschland,
fil-preżenza ta':
Volkswagen AG

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva tas-Schleswig-Holstein, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Konvenzjoni ta' Aarhus – Aċċess għall-ġustizzja – Artikolu 9(3) – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata – *Locus standi* quddiem qorti nazzjonali sabiex tikkontesta l-approvazzjoni tat-tip KE mogħtija lil xi vetturi – Regolament (KE) Nru 715/2007 – Approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur – Artikolu 5(2) – Magna diżil – Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ossidju tan-nitroġenu limitat permezz ta' "tieqa ta' temperaturi" – Tagħmir ta' manipulazzjoni – Awtorizzazzjoni ta' tali tagħmir meta l-bżonn huwa ġġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura – Livell ta' teknoloġija"

I. Introduzzjoni

1. Fil-kawża prinċipali, l-awtorità nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip KE ħadet id-deċiżjoni li tawtorizza, għal vetturi prodotti mill-manifattur awtomobilistiku Volkswagen AG u mgħammra b'magna diżil ta' ġenerazzjoni Euro 5, softwer integrat fil-kompjuter li jikkontrolla l-magna li, fid-dawl ta' ċerti kundizzjonijiet ta' temperatura esterna, inaqqas ir-riċiklaġġ tal-gassijiet tal-egżost, li bħala konsegwenza jżid l-emissjonijiet tal-ossidju tan-nitroġenu (NOx).

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2. Deutsche Umwelthilfe eV, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata, ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva ta' Schleswig-Holstein, il-Ġermanja) billi sostniet li dan is-softwer kien jikkostitwixxi "tagħmir ta' manipulazzjoni" illegali, fis-sens tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 [2].

3. Skont il-qorti tar-rinviju, Deutsche Umwelthilfe ma għandhiex, fil-qafas tad-dritt nazzjonali, il-*locus standi* sabiex tikkontesta din id-deċiżjoni. Għalhekk, din il-qorti tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, jekk l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [3], moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), jirrikjedix li tali assoċjazzjoni għandu jkollha dritt li tikkontesta quddiem il-qrati nazzjonali deċiżjoni amministrattiva li tagħti l-approvazzjoni KE għal tip ta' vetturi fid-dawl tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007.

4. It-tieni nett, f'każ ta' risposta fl-affermattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-"bżonn" ta' tagħmir ta' manipulazzjoni, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 5(2) għandux jiġi evalwat skont il-livell ta' teknoloġija eżistenti fid-data tal-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi kkonċernati u jekk għandhomx jiġu kkunsidrati ċirkustanzi oħra li jistgħu jagħmlu illegali tali tagħmir ta' manipulazzjoni.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt internazzjonali

5. L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, intitolat "Għan", jistipula:

"Għal finijiet ta' kontribuzzjoni għall-ħarsien tad-dritt ta' kull persuna ta' ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, li tgħix f'ambjent xieraq sabiex jiżgura s-saħħa u l-benesseri tiegħu, kull Parti għandha tiggarantixxi d-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6. L-Artikolu 2 ta' din il-Konvenzjoni, intitolat "Definizzjonijiet", fil-paragrafi 4 u 5 tiegħu, jistipula:

"4. 'il-pubbliku' tfisser persuna fiżika jew ġuridika waħda jew iktar, u konformement mal-leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom

5. 'il-pubbliku kkonċernat' tfisser il-pubbliku li huwa affettwat jew li jista' jkun affettwat mid-deċiżjonijiet meħuda fil-qasam ambjentali jew li għandu interess li jrid jinvoka fir-rigward tal-proċess deċiżjonali; għall-finijiet ta' din id-definizzjoni organizzazzjonijiet mhux governattivi

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 (ĠU 2008, L 199, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 336, p. 68) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 715/2007").

[3] Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus (Danimarka) fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata għan-nom tal-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2005, L 124, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Aarhus").

li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti skont il-liġi nazzjonali jitqiesu li jkollhom interess." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. L-Artikolu 9 tal-imsemmija Konvenzjoni, intitolat "Aċċess għall-ġustizzja", jipprevedi dan li ġej fil-paragrafi 2 u 3:

"2. Kull parti għandha tiżgura li, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, il-membri tal-pubbliku kkonċernat

a) li jkollhom interess ġuridiku suffiċjenti, jew, alternattivament,

b) li jinvokaw ksur ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' parti titlob dan bħala kundizzjoni, | ikollhom aċċess għal proċedura ta' stħarriġ quddiem qorti tal-ġustizzja u/jew korp indipendenti u imparzjali ieħor stabbilit b'liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva u proċedurali ta' kull deċiżjoni, att jew ommissjoni suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 u, fejn ikun hekk previst skont id-dritt nazzjonali u bla ħsara għall-paragrafu 3 iktar 'il quddiem, ta' dispożizzjonijiet rilevanti oħra ta' din il-konvenzjoni.

Dak li jikkostitwixxi interess ġuridiku suffiċjenti u ksur ta' dritt għandu jiġi stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali u b'mod konformi mal-għan li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja fil-kuntest ta' din il-konvenzjoni. Għal dan il-għan, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 2(5) għandu jitqies li huwa suffiċjenti għall-finijiet tal-punt (a) iktar 'il fuq. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ukoll jitqiesu li għandhom drittijiet li jistgħu jkunu suġġett ta' ksur għall-finijiet tal-punt (b) iktar 'il fuq.

[…]

3. Barra minn dan u bla ħsara għall-proċeduri ta' stħarriġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 iktar 'il fuq, kull parti għandha tiżgura li, meta jissodisfaw il-kriterji, jekk ikun hemm, stabbiliti fid-dritt nazzjonali tagħha, membri tal-pubbliku għandu jkollhom aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji biex jikkontestaw atti u ommissjonijiet minn persuni privati jew awtoritajiet pubbliċi li jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha relatati mal-ambjent." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006

8. L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006[4], intitolat "Għan", jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-obbligi li jirriżultaw taħt il-Konvenzjoni ta' l-UNECE dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, minn

[4] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13).

hawn 'il quddiem imsejħa "l-Konvenzjoni Aarhus", billi jiġu stabbiliti regoli sabiex jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni għall-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità, partikolarment billi:

[…]

d) jingħata aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fil-livell Komunitarju taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament."

9. L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi, fil-paragrafu 1(f) tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

f) 'liġi ambjentali' tfisser leġislazzjoni Komunitarja li, irrispettivament mill-bażi legali tagħha, tikkontribwixxi għall-kisba ta' l-għanijiet tal-politika Komunitarja dwar l-ambjent kif stabbiliti fit-Trattat: il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-użu prudenti u razzjonali ta' risorsi naturali, u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew dinjija."

2. Ir-Regolament Nru 715/2007

10. Skont il-premessi 1, 6 u 7 tar-Regolament Nru 715/2007:

"(1) […] Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' emissjonijiet għandhom […] jiġu armonizzati biex jiġu evitati rekwiżiti li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali.

[…]

(6) B'mod partikulari, hemm bżonn ta' tnaqqis konsiderevoli ta' l-emissjonijiet ta' l-ossidju tan-nitroġenu biex tittejjeb il-kwalità ta' l-arja u biex ikun hemm konformità mal-valuri ta' limitu għat-tniġġis. […]

(7) Fl-iffissar tal-istandards għall-emissjonijiet huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, in-nefqiet diretti u indiretti imposti fuq in-negozju u l-benefiċċji li jinħolqu f'termini ta' tħeġġiġ ta' l-innovazzjoni, titjib fil-kwalità ta' l-arja, tnaqqis fin-nefqiet għas-saħħa, u żieda fil-medja ta' l-għomor, kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' l-impatt globali fuq l-emissjonijiet CO_2."

11. L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett", jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur ('vetturi') u 'spare parts' bħal ma hu tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis fir-rigward ta' l-emissjonijiet tagħhom."

12. L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jistipula, fil-punt 10 tiegħu:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' l-implimentazzjoni tiegħu japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

10) 'tagħmir ta' riduzzjoni [manipulazzjoni]' jfisser kull element tad-disinn li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, id-dawrien tal-magna (RPM), it-transmission gear, il-vakwu fil-manifold jew parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf il-funzjonament ta' xi parti mis-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet, li tnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll ta' l-emissjonijiet taħt kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali ta' vettura;"

13. L-Artikolu 5 tal-istess regolament, intitolat "Rekwiżiti u testijiet", fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu jistipula:

"1. Il-manifattur għandu jattrezza l-vetturi b'mod li l-komponenti li jistgħu jaffettwaw l-emissjonijiet jiġu ddisinjati, mibnija u assemblati bil-għan li jippermettu li l-vettura, fl-użu normali, tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

2. L-użu ta' tagħmir ta' riduzzjoni [manipulazzjoni] li jnaqqas l-effettività tas-sistemi tal-kontroll ta' l-emissjonijiet għandu jiġi pprojbit. Il-projbizzjoni m'għandiex tapplika fejn:

a) il-bżonn tat-tagħmir huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura;

b) it-tagħmir ma jaħdimx għajr għall-ħtiġijiet ta' l-istartjar tal-magna;

jew

c) il-kondizzjonijiet huma sostanzjalment inklużi fil-proċeduri tal-verifika ta' l-emissjonijiet evaporattivi u l-medja ta' l-emissjonijiet mit-tailpipe."

14. L-Anness I tar-Regolament Nru 715/2007, intitolat "Limiti ta' emissjoni", jistipula l-valuri limiti ta' emissjonijiet ta' NOx, b'mod partikolari għall-vetturi ta' ġenerazzjoni Euro 5, li huma s-suġġett tat-tabella 1.

3. Id-Direttiva 2007/46/KE

15. Id-Direttiva 2007/46/KE[5] tħassret permezz tar-Regolament (UE) 2018/858[6], b'effett mill-1 ta' Settembru 2020, bis-saħħa tal-Artikolu 88 ta' dan tal-aħħar. Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti inkwistjoni, din id-direttiva tibqa' applikabbli għall-kwistjonijiet fil-kawża prinċipali.

16. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett", jistipula:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi ġodda kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u tas-sistema, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawk il-vetturi, bil-ħsieb li jiġu faċilitati r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz tagħhom fil-Komunità.

[…]

Ħtiġijiet tekniċi speċifiċi dwar il-kostruzzjoni u l-funzjonament tal-vetturi għandhom jiġu stabbiliti fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva f'atti regolatorji li l-lista eżawrjenti tagħhom hi stabbilita fl-Anness IV."

17. L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jistipula, fil-punt 5 tagħha:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva u ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, ħlief jekk ipprovdut mod ieħor hemmhekk:

[…]

5. 'approvazzjoni tat-tip tal-KE' tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta' din id-Direttiva u ta' l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew XI."

18. L-anness IV tal-istess direttiva, intitolat "Ħtiġijiet għall-finijiet ta' approvazzjoni tat-tip ta' vetturi", jinkludi, fil-Parti I tagħha, intitolata "Atti regolatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vetturi prodotti f'serje mhux limitati", ir-Regolament Nru 715/2007 f'dak li jirrigwarda l-"[e]missjonijiet (Euro 5 u 6) vetturi mhux ta' strapazz/aċċess għal informazzjoni".

[5] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU 2007, L 263, p. 1), kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 214/2014 tal-25 ta' Frar 2014 (ĠU 2014, L 69, p. 3) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2007/46").

[6] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU 2018, L 151, p. 1).

C. Id-dritt Ġermaniż

19. L-Artikolu 42 tal-Verwaltungsgerichtsordnung (il-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva)[7], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"VwGO"), jistipula:

"1. Rikors jista' jitlob l-annullament ta' att amministrattiv (rikors għal annullament) jew sabiex tiġi adottata miżura amministrattiva ordnata f'każ ta' rifjut jew nuqqas li tittieħed azzjoni (rikors għal inġunzjoni).

2. Ħlief fejn il-liġi tipprovdi mod ieħor, tali rikors huwa ammissibbli biss jekk ir-rikorrent jasserixxi li d-drittijiet tiegħu ġew indebboliti mill-miżura amministrattiva jew mir-rifjut jew nuqqas li tittieħed azzjoni."

20. L-Artikolu 113(1) tal-VwGO jistipula:

"Sa fejn il-miżura amministrattiva tkun illegali u d-drittijiet tar-rikorrent ikun ġew indebboliti minnha, il-qorti għandha tannulla l-miżura amministrattiva flimkien ma' kwalunkwe deċiżjoni ta' appell interna fejn dan ikun propizju. […]"

21. L-Artikolu 1(1) tal-Gesetz über ergänzende Vorschriften zu Rechtsbehelfen in Umweltangelegenheiten nach der EG - Richtlinie 2003/35/EG (Umwelt-Rechtsbehelfsgesetz) (il-Liġi dwar dispożizzjonijiet supplimentari fir-rigward tal-kawżi fi kwistjonijiet ambjentali previsti mid-Direttiva 2003/35/KE [8] (il-Liġi dwar il-kawżi fi kwistjonijiet ambjentali))[9], fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"UmwRG"), jistipula:

"Din il-liġi hija applikabbli għall-kawżi kontra d-deċiżjonijiet segwenti:

[…]

5) atti amministrattivi jew kuntratti ta' dritt pubbliku li jawtorizzaw proġetti minbarra dawk imsemmija fil-punti 1 sa 2b skont dispożizzjonijiet li jittrattaw l-ambjent tad-dritt federali, tad-dritt tal-Land, jew ta' atti direttament applikabbli tad-dritt tal-Unjoni, u

6) atti amministrattivi li jirrigwardaw miżuri ta' sorveljanza jew ta' kontroll meħuda għall-implimentazzjoni jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-punti 1 sa 5, intiżi sabiex jiżguraw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet li jittrattaw l-ambjent tad-dritt federali, tad-dritt tal-Land jew ta' atti direttament applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

Din il-liġi tapplika wkoll meta, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet fis-seħħ, ma tkunx ġiet meħuda deċiżjoni msemmija fl-ewwel sentenza. […]

[…]

L-ewwel u t-tieni sentenza ma għandhomx jiġu applikati meta deċiżjoni fis-sens ta' dan il-paragrafu ġiet adotta wara deċiżjoni tal-qrati amministrattivi li jiddeċiedu kawża."

7 BGBl., 1991 I, p. 686.

8 Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

9 BGBl. 2017 I, p. 3290.

22. L-Artikolu 2(1) tal-UmwRG jistipula dan li ġej:

"Assoċjazzjoni nazzjonali jew barranija awtorizzata skont l-Artikolu 3 tista', mingħajr ma hija meħtieġa ssostni indebboliment tad-drittijiet tagħha stess, tippreżenta kawża skont il-VwGO kontra deċiżjoni msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1), jew kontra n-nuqqas ta' teħid ta' tali deċiżjoni, meta l-assoċjazzjoni

1) issostni li deċiżjoni msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1), jew in-nuqqas ta' teħid ta' din id-deċiżjoni, hija kuntrarja għal dispożizzjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti għall-finijiet tad-deċiżjoni;

2) issostni li hija affettwata mid-deċiżjoni msemmija fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1), jew min-nuqqas ta' teħid ta' din id-deċiżjoni, fil-kamp tal-attività statutorja tagħha li tippromwovi l-għanijiet tal-protezzjoni ambjentali, u

3) fir-rigward ta' proċedura msemmija

   a) fil-punti 1 sa 2b tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1), kienet awtorizzata tipparteċipa fiha;

   b) fil-punt 4 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1), kienet awtorizzata tipparteċipa fiha u li, f'dan il-kuntest, esprimiet ruħha fuq il-mertu skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ, u li l-okkażjoni sabiex tesprimi ruħha ma ngħatatilhiex, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

F'każ ta' kawża kontra deċiżjoni msemmija fil-punti 2a sa 6 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1, jew kontra n-nuqqas ta' teħid ta' din id-deċiżjoni, l-assoċjazzjoni, barra minn hekk, għandha tinvoka l-ksur ta' dispożizzjonijiet li jittrattaw l-ambjent."

23. Skont l-Artikolu 25(2) tal-Verordnung über die EG-Genehmigung für Kraftfahrzeuge und ihre Anhänger sowie für Systeme, Bauteile und selbstständige technische Einheiten für diese Fahrzeuge (EG-Fahrzeuggenehmigungsverordnung) (ir-Regolament dwar l-approvazzjoni KE tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom u sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati destinati għal dawn il-vetturi (Regolament dwar l-approvazzjoni KE tal-vetturi bil-mutur)[10], fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"EG-FGV"]:

"1. Jekk il-Kraftfahrt-Bundesamt [l-Uffiċċju Federali għat-traffiku tal-vetturi bil-mutur, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem il-"KBA")]jikkonstata li vetturi, sistemi, komponenti jew entitajiet tekniċi ma humiex konformi mat-tip approvat, jista' jieħu l-miżuri neċessarji skont dak tad-Direttivi [2007/46], 2002/24/KE [11] u 2003/37/KE [12] li huwa applikabbli għat-tip ikkonċernat, sabiex il-produzzjoni tkun konformi mat-tip approvat.

[10] BGBl. 2011 I, p. 126.

[11] Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 399).

[12] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2003/37/KE tas-26 ta' Mejju, 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju irmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati u r-revoka tad-Direttiva 74/150/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 31, p. 311).

2. Sabiex jirrimedja għal nuqqasijiet apparenti u sabiex jiżgura l-konformità tal-vetturi diġà fiċ-ċirkulazjoni, ta' komponenti jew ta' entitajiet tekniċi, l-Uffiċċju Federali għat-traffiku tal-vetturi bil-mutur jista' jieħu miżuri addizzjonali *a posteriori*."

III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. Volkswagen ipproduċiet, b'mod partikolari, vetturi awtomobilistiċi tal-mudell VW Golf Plus TDI, mgħammra b'magna diżil tat-tip EA 189 ta' ġenerazzjoni Euro 5 u b'ċilindrata ta' 2 litri (iktar 'il quddiem il-"vetturi kkonċernati"). Dawn il-vetturi għandhom valv tar-riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost.

25. Fil-bidu, il-vetturi kkonċernati kellhom softwer integrat fil-kompjuter li jikkontrolla l-magna li jinkludi "mod 0" u "mod 1" (iktar 'il quddiem is-"sistema ta' kommutazzjoni"). Il-mod 1 intuża għat-test ta' approvazzjoni tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, imsejjaħ "New European Driving Cycle" (NEDC), li jsir fil-laboratorju. Fl-assenza tal-kundizzjonijiet karatteristiċi ta' dan it-test ta' approvazzjoni, kien jibda japplika l-"mod 0" u, f'dan il-każ, ir-rata ta' riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost kienet tonqos. Fil-funzjonament reali, dawn il-vetturi kienu jkunu kważi esklużivament fil-"mod 0", bil-konsegwenza li ma kinux josservaw il-valuri limitu ta' NOx previsti mir-Regolament Nru 715/2007. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-sistema ta' kommutazzjoni kienet tikkostitwixxi, għaldaqstant, apparat ta' manipulazzjoni illegali, fis-sens tal-Artikolu 5(1) u (2) ta' dan ir-regolament. Volkswagen ma ddikjaratx il-preżenza ta' din is-sistema lill-KBA fil-qafas tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi kkonċernati.

26. Fil-15 ta' Ottubru 2015, il-KBA adotta deċiżjoni, skont l-Artikolu 25(2) tal-EG-FGV, li permezz tagħha huwa ordna lill-Volkswagen, b'mod partikolari, sabiex tiżgura l-konformità tal-magni tat-tip EA 189 ta' ġenerazzjoni Euro 5 mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea fis-seħħ. Il-KBA spjega li s-soluzzjonijiet kellhom jiġu sottomessi lilu għall-approvazzjoni qabel ma jiġu implimentati.

27. F'dan il-qafas, Volkswagen ipproċediet bl-implimentazzjoni tas-softwer integrat fil-kompjuter li jikkontrolla l-magna tal-vetturi kkonċernati (iktar 'il quddiem is-"softwer inkwistjoni"). Dan is-softwer stabbilixxa tieqa ta' temperaturi, li bis-saħħa tagħha r-rata ta' riċiklaġġ tal-gass tal-egżost, jiġifieri l-proporzjon tal-gass tal-egżost li jiġi rriċiklat, ikun ta' 0 % meta t-temperatura esterna tkun inqas minn 9 gradi Celsius, ta' 85 % meta tkun bejn 9 u 11-il grad Celsius, u tiżdied għal iktar minn 11-il grad Celsius sabiex jilħaq 100 % minn temperatura esterna ta' 15-il grad Celsius (iktar 'il quddiem it-"tieqa ta' temperaturi").

28. Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2016 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-KBA awtorizza s-softwer inkwistjoni. F'dan ir-rigward, huwa ddeċieda li ma kienx hemm tagħmir ta' manipulazzjoni illegali, fis-sens tar-Regolament Nru 715/2007, peress li t-tagħmir ta' manipulazzjoni li kien għadu preżenti kien legali.

29. Fil-15 ta' Novembru 2016, Deutsche Umwelthilfe, assoċjazzjoni, awtorizzata sabiex ikollha *locus standi in judicio* skont l-Artikolu 3 tal-UmwRG, ippreżentat rikors amministrattiv kontra d-deċiżjoni kkontestata, li kienet għadha ma kinitx is-suġġett ta' deċiżjoni fid-data ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

30. Fl-24 ta' April 2018, din l-assoċjazzjoni ppreżentat rikors quddiem is-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva tas-Schleswig-Holstein, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Hija sostniet li s-softwer inkwistjoni kellu tagħmir ta' manipulazzjoni li kellu jiġi kkunsidrat bħala illegali, fis-sens tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, peress li dan jattiva ruħu meta t-temperaturi medji fil-Ġermanja, jiġifieri madwar 10.4 gradi Celsius matul is-sena 2018, jintlaħqu. Skont l-imsemmija assoċjazzjoni, il-manifatturi awtomobilistiċi għandhom, bħala regola, il-possibbiltà li jiddisinjaw magni li ma jirrikjedux li jkun hemm tnaqqis, għal raġunijiet tekniċi, tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet ta' NOx għal temperaturi medji, jiġifieri f'kundizzjonijiet normali ta' funzjonament.

31. Il-Bundesrepublik Deutschland (ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja) sostniet li Deutsche Umwelthilfe ma għandhiex il-*locus standi* sabiex tikkontesta d-deċiżjoni kkontestata u, konsegwentement, li r-rikors tagħha huwa inammissibbli.

32. Skont il-qorti tar-rinviju, Deutsche Umwelthilfe ma għandhiex, f'dan il-każ, il-*locus standi* bis-saħħa tal-Artikolu 42(2) tal-VwGO, li jistipula li, ħlief fejn il-liġi tipprovdi mod ieħor, tali rikors huwa ammissibbli biss jekk ir-rikorrent jasserixxi li d-drittijiet tiegħu ġew indebboliti mill-att amministrattiv inkwistjoni. Fil-fatt, ma hemmx dispożizzjoni tal-liġi li, kuntrarjament għas-sistema ta' kawżi individwali li fuqha hija bbażata din id-dispożizzjoni, tista' b'mod eċċezzjonali tagħti *locus standi* lil din l-assoċjazzjoni.

33. B'mod partikolari, il-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-UmwRG, kif iddefinit fl-Artikolu 1(1) ta' din il-liġi. Fil-fatt, fost id-deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors min-naħa ta' organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent, l-unika kategorija li tista' tiġi kkunsidrata f'dan il-każ hija dik imsemmija fil-punt 5 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-UmwRG, li jistipula li din il-liġi hija applikabbli għall-kawżi kontra l-atti amministrattivi jew il-kuntratti ta' dritt pubbliku li jawtorizzaw proġetti minbarra dawk imsemmija fil-punti 1 sa 2b tal-imsemmi Artikolu 1(1) skont dispożizzjonijiet li jittrattaw l-ambjent tad-dritt federali, tad-dritt tal-Land, jew ta' atti direttament applikabbli tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007 jippreżenta rabta mal-ambjent u ma huwiex biss regola teknika intiża sabiex tirregola s-suq intern, kif jirriżulta mill-premessi 1, 4 u 7 ta' dan ir-regolament.

34. Madankollu, il-punt 5 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-UmwRG isemmi biss atti amministrattivi li jawtorizzaw "proġetti". Il-kunċett ta' "proġett", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ġie adottat b'rabta mad-Direttiva 85/337/KEE [13], li tiddefinixxi, fl-Artikolu 1(2) tagħha, "proġett", bħala "l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew ta' istallazjonijiet jew skemi oħra" (l-ewwel inċiż) u "interventi oħra fil-madwar u pajsaġġ naturali inklużi dawk li jimplikaw l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali" (it-tieni inċiż). F'dan il-kuntest, il-liġi nazzjonali tirrigwarda biss installazzjonijiet fissi jew miżuri li jikkostitwixxu intervent dirett. L-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi, bħall-emenda tal-approvazzjoni KE msemmija mid-deċiżjoni kkontestata, hija relatata mal-"awtorizzazzjoni" ta' prodott u ma tikkostitwixxix "proġett" fis-sens tad-dritt nazzjonali, peress li ma tirrigwardax installazzjoni fissa u ma tinkludi l-ebda intervent dirett fl-ambjent naturali jew fil-pajsaġġ.

[13] Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248). Din tħassret bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2011/92/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44).

35. Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "proġett", fis-sens tal-punt 5 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tal-UmwRG, ma tippermettiex li tasal għal konklużjoni oħra. Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li hija l-qorti nazzjonali, sabiex tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent, li għandha tagħti lid-dritt nazzjonali tagħha interpretazzjoni li, sa fejn ikun possibbli, tkun konformi mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus[14]. Madankollu, minħabba d-definizzjoni ċara tal-kunċett ta' "proġett" fid-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju tkun prekluża milli testendi dan il-kunċett f'din il-kawża għall-awtorizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-softwer inkwistjoni sabiex il-vetturi kkonċernati jiġu konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

36. Barra minn hekk, ma huwiex possibbli li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-UmwRG b'analoġija, abbażi ta' lakuna involontarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri meta l-leġiżlatur ma identifikax l-interess inkwistjoni jew ma setax jidentifikah minħabba bdil ulterjuri taċ-ċirkustanzi. Fil-fatt, matul il-proċess leġiżlattiv li wassal għall-emenda tal-UmwRG li saret matul is-sena 2017, li kienet tirrigwarda b'mod partikolari li l-liġi tiġi emendata skont ir-rekwiżiti tad-dritt internazzjonali pubbliku li jirriżulta mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u sabiex tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125), il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' "proġett", fis-sens tal-punt 5 tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) ta' din il-liġi, għal awtorizzazzjonijiet ta' prodotti ġiet identifikata u diskussa. F'dan ir-rigward, ġie spjegat espliċitament li l-imsemmija liġi ma kinitx tirrigwarda l-qasam tal-prodotti, inkluż għall-vetturi. Barra minn hekk, l-espożizzjoni tal-motivi tal-istess liġi kienet tindika espressament li l-leġiżlatur nazzjonali kien irrinunzja milli jittrasponi l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus f'dispożizzjoni ġenerali minħabba li dan kien jikkostitwixxi sors ta' diffikultajiet kbar ta' delimitazzjoni u ta' inċertezza legali.

37. Deutsche Umwelthilfe ma setgħetx tuża iktar *locus standi* li jirriżulta direttament mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Fil-fatt, peress li din id-dispożizzjoni, bħala tali, ma għandhiex effett dirett fid-dritt tal-Unjoni, kif iddikjarat is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation (C-664/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza Protect", EU:C:2017:987, punt 45), hija ma tikkostitwixxix dispożizzjoni leġiżlattiva fis-sens tal-ewwel frażi tal-Artikolu 42(2) tal-VwGO.

38. Il-qorti tar-rinviju żżid li Deutsche Umwelthilfe lanqas għandha *locus standi* kontra d-deċiżjoni kkontestata bis-saħħa tat-tieni frażi tal-Artikolu 42(2) tal-VwGO, li tipprevedi li r-rikorrent għandu juri li d-drittijiet tiegħu ġew indebboliti mill-miżura amministrattiva inkwistjoni. Fil-fatt, is-sistema ta' kawżi individwali prevista mill-VwGO hija bbażata fuq id-drittijiet suġġettivi. Issa, il-kawża prinċipali ma jidhirx li tirrigwarda dritt suġġettiv ta' persuna fiżika li ġie miksur. Il-ksur tal-projbizzjoni li jintuża tagħmir ta' manipulazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, li hija l-unika waħda li hija rilevanti f'dan ir-rigward, f'dan il-każ, ma jagħtix dritt suġġettiv lil persuna fiżika, għaliex din id-dispożizzjoni ma hijiex intiża sabiex tipproteġi ċirku ta' persuni li huwa ddefinit b'mod konklussiv mill-kollettività.

39. Għalhekk, skont il-qorti tar-rinviju, is-soluzzjoni tal-kawża prinċipali tiddependi fuq il-kwistjoni dwar jekk Deutsche Umwelthilfe tistax tuża *locus standi* li jirriżulta direttament mid-dritt tal-Unjoni. Fid-dawl tas-sentenza Protect, dan jista' jirriżulta mid-dispożizzjonijiet meħuda flimkien tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan ir-rigward, din il-qorti tenfasizza li l-kawża prinċipali ma

[14] Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, Lesoochranárske zoskupenie (C-240/09, EU:C:2011:125, punt 50).

tirriżultax mill-Artikolu 9(2) ta' din il-Konvenzjoni peress li, minn naħa waħda, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex deċiżjoni rregolata mill-Artikolu 6 ta' din il-Konvenzjoni u li, min-naħa l-oħra, ma hemmx dispożizzjoni tad-dritt intern, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 9(2) tal-istess Konvenzjoni, li jagħmlu dispożizzjonijiet oħra tagħha applikabbli.

40. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fir-rigward tal-konsegwenzi tas-sentenza Protect fuq id-dritt proċedurali nazzjonali, il-qrati nazzjonali taw deċiżjonijiet diverġenti, u dan kabbar id-dubji tagħha dwar il-fatt li d-dritt tal-Unjoni jippermetti li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata, anki lil hinn mill-possibilitajiet ta' kawżi diġà previsti mill-UmwRG, li tikkontesta awtorizzazzjoni amministrattiva ta' prodott tat-tip inkwistjoni fil-kawża jekk l-azzjoni ta' din l-assoċjazzjoni hija intiża sabiex jiġu osservati dispożizzjonijiet tad-dritt relatat mal-ambjent tal-Unjoni li ma jagħti lok għal ebda dritt suġġettiv.

41. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent għandha *locus standi* sabiex tikkontesta l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi, il-qorti tar-rinviju tqis li l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata tiddependi b'mod deċiżiv mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "bżonn" ta' tagħmir ta' manipulazzjoni. Din il-qorti tistaqsi jekk il-manifatturi awtomobilistiċi għandhomx jikkunsidraw il-livell attwali tat-teknoloġija sabiex ikun magħruf jekk tagħmir ta' manipulazzjoni huwiex effettivament neċessarju għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura.

42. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva tas-Schleswig-Holstein) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 9(3) tal-[Konvenzjoni ta' Aarhus], moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandu jiġi interpretat fis-sens li assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-ambjent għandhom, bħala prinċipju, ikunu jistgħu jikkontestaw quddiem il-qrati deċiżjoni amministrattiva li tawtorizza – eventwalment bi ksur tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament [Nru 715/2007] – il-manifattura ta' vetturi għal passiġġieri b'mutur tad-diesel li għandhom tagħmir ta' manipulazzjoni?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

   a) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-bżonn tat-tagħmir ta' manipulazzjoni f'termini ta' protezzjoni tal-magna minn ħsarat jew minn inċidenti u għall-funzjonament sigur tal-vettura għandu jiġi evalwat, bħala prinċipju, fid-dawl tal-livell attwali tat-teknoloġija, fis-sens ta' dak li huwa teknikament fattibbli fid-data tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip KE?

   b) Minbarra l-livell tat-tekonoloġija, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra, li jistgħu jirrendu legali tagħmir ta' manipulazzjoni minkejja li, fid-dawl biss tal-livell tat-teknoloġija fid-data rilevanti, ma hemmx "bżonn" għal dan it-tagħmir fis-sens tal-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007?"

43. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Deutsche Umwelthilfe, il-KBA, Volkswagen, u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn il-partijiet u l-partijiet interessati wieġbu wkoll bil-miktub il-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja.

IV. Analiżi

A. Fuq l-ewwel domanda preliminari

44. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata, li għandha *locus standi in judicio* bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, għandhiex tkun tista' tikkontesta quddiem qorti nazzjonali deċiżjoni amministrattiva li tagħti approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi li jistgħu jkunu kuntrarji għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, dispożizzjoni li tipprojbixxi, mingħajr eċċezzjoni, l-użu ta' tagħmir ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll ta' emissjonijiet.

45. Skont l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, mingħajr preġudizzju għal proċeduri ta' reviżjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu, kull parti għandha tiżgura li l-membri tal-pubbliku li jissodisfaw il-kriterji eventwali previsti mid-dritt intern tagħha jistgħu jieħdu sehem fi proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jikkontestaw l-atti jew ommissjonijiet ta' persuni individwali jew ta' awtoritajiet pubbliċi li jmorru kontra dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali relatat mal-ambjent.

46. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, ser neżamina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus imbagħad il-portata ta' din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

1. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus

47. Qabel xejn għandu jiġi rrilevat li l-kawża prinċipali tirrigwarda l-possibbiltà li *tinbeda proċedura ġudizzjarja sabiex tikkontesta l-att ta' awtorità pubblika*, jiġifieri l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi. Dawn il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus huma għalhekk issodisfatti. Il-kundizzjonijiet l-oħra jirrigwardaw il-kampijiet ta' applikazzjoni *ratione materiae* u *ratione personae* ta' din id-dispożizzjoni, li ser jiġu ttrattati suċċessivament.

48. F'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jirrikjedi li l-att ikkonċernat imur kontra "dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali […] relatati mal-ambjent". F'dan il-każ, l-att invokat mid-Deutsche Umwelthilfe huwa r-Regolament Nru 715/2007, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 5(2) tiegħu. Għalhekk għandu jiġi vverifikat jekk din id-dispożizzjoni taqax fid-"dritt nazzjonali relatat mal-ambjent".

49. F'dan ir-rigward, minn naħa waħda, kuntrarjament għal dak li ssostni l-KBA, jien naqbel mal-pożizzjoni tal-qorti tar-rinviju li dan ir-regolament jaqa' fid-dritt relatat mal-ambjent u li għalhekk ma għandux jiġi kkunsidrat biss bħala regola teknika intiża sabiex tirregola s-suq intern. Fil-fatt, jidhirli li din il-kwistjoni ġiet deċiża bis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, CLCV *et* (Apparat ta' manipulazzjoni fuq magni diesel) (C-693/18, iktar 'il quddiem is-"sentenza CLCV", EU:C:2020:1040, punt 113), li ddikjarat li l-għan li għandu jintlaħaq mir-Regolament Nru 715/2007 huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u li titjieb il-kwalità tal-arja fl-Unjoni.

50. Il-KBA tenfasizza wkoll li dan ir-regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 95 KE (li sar l-Artikolu 114 TFUE), li jirrigwarda l-miżuri relatati mal-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom bħala għan l-istabbiliment u l-funzjoni tas-suq intern. Madankollu, il-paragrafu 3 tal-imsemmi Artikolu 95 jistipula li l-Kummissjoni, fil-proposti tagħha previsti fil-qasam tas-saħħa, tas-sigurtà, *tal-protezzjoni tal-ambjent* u tal-protezzjoni tal-konsumaturi, għandha tieħu, bħala bażi, protezzjoni fl-ogħla livell, filwaqt li tikkunsidra b'mod partikolari kull żvilupp ġdid ibbażat fuq fatti xjentifiċi. Konsegwentement, il-fatt li l-imsemmi regolament ma huwiex ibbażat fuq bażi legali speċifika għall-ambjent, jiġifieri l-Artikolu 175 KE, ma huwiex tali li jeskludi r-rabta tal-istess regolament mad-dritt relatat mal-ambjent.

51. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 2(1)(f) tar-Regolament Nru 1367/2006 jiddefinixxi l-"liġi ambjentali" bħala "leġislazzjoni Komunitarja li, *irrispettivament mill-bażi legali tagħha*, tikkontribwixxi għall-kisba ta' l-għanijiet tal-politika Komunitarja dwar l-ambjent kif stabbiliti fit-Trattat: *il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent*, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-użu prudenti u razzjonali ta' risorsi naturali, u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew dinjija"[15]. Dan huwa l-każ tar-Regolament Nru 715/2007.

52. Fir-rigward b'mod iktar speċifiku tal-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament, din id-dispożizzjoni tirrigwarda t-"tagħmir ta' manipulazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 3(10) tal-imsemmi regolament. Minkejja li l-imsemmija dispożizzjoni tippreżenta natura teknika, hija taqa' fil-qafas tal-istess regolament u hija intiża sabiex tillimita l-emissjonijiet ta' gass inkwinanti, u b'hekk tikkontribwixxi sabiex tipproteġi l-ambjent. B'mod iktar ġenerali, kif irrilevat Deutsche Umwelthilfe, ma huwiex konċepibbli, bħala regola, li jiġu sseparati d-dritt relatat mal-ambjent u r-regoli tekniċi, inkwantu dispożizzjoni favur l-ambjent ħafna drabi tippreżenta natura teknika. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-premessa 1 tar-Regolament Nru 715/2007 tistipula li r-"rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' emissjonijiet għandhom għalhekk jiġu armonizzati biex jiġu evitati rekwiżiti li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali". Għalhekk, din il-premessa tistabbilixxi espliċitament rabta bejn ir-regoli tekniċi relatati mal-approvazzjoni tat-tip KE u l-protezzjoni tal-ambjent.

53. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni invokata mid-Deutsche Umwelthilfe, jiġifieri l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, hija direttament applikabbli fl-Istati Membri u għandha tkun ikkunsidrata bħala li tagħmel parti mid-dispożizzjonijiet tad-dritt *nazzjonali* relatati mal-ambjent[16].

54. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, din id-dispożizzjoni tipprevedi li "meta jissodisfaw il-kriterji […] stabbiliti fid-dritt nazzjonali membri tal-pubbliku" huma intitolati għad-drittijiet previsti fl-imsemmija dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Deutsche Umwelthilfe hija assoċjazzjoni approvata għall-protezzjoni tal-ambjent, li għandha *locus standi in judicio* skont l-Artikolu 3 tal-UmwRG, li, skont l-istatut tagħha, għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tan-natura u tal-ambjent kif ukoll għall-protezzjoni tal-konsumaturi inkwantu

[15] Korsiv miżjud minni.

[16] Ara, f'dan is-sens, Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet tad-29 ta' April 2018, Danimarka (ACCC/C/2006/18, ECE/MP.PP/2008/5/Add.4, punt 27), li jistipula, fil-kuntest tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni relatata mal-ambjent għandha tkun ikkunsidrata bħala li tagħmel parti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru. Il-verżjoni bil-lingwa Franċiża ta' dan id-dokument hija aċċessibbli mil-link segwenti: https://unece.org/DAM/env/documents/2008/pp/mop3/ece_mp_pp_2008_5_add_4_f.pdf.

titratta l-ambjent u s-saħħa, b'mod partikolari billi tinforma u tagħti pariri lill-konsumaturi. Konsegwentement, din l-assoċjazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex ikollha *locus standi in judicio* quddiem il-qrati nazzjonali favur il-protezzjoni tal-ambjent.

55. Għalhekk, assoċjazzjoni bħal Deutsche Umwelthilfe taqa' mhux biss taħt "pubbliku", fis-sens tal-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, iżda wkoll taħt "pubbliku kkonċernat", fis-sens tal-Artikolu 2(5) ta' din il-Konvenzjoni. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, l-organizzazzjonijiet non-governattivi li jaħdmu favur il-protezzjoni tal-ambjent u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jistgħu jintalbu fid-dritt nazzjonali, huma meqjusa li għandhom interess.

56. Finalment, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-espressjoni "kriterji stabbiliti fid-dritt nazzjonali", fis-sens tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, tkoprix biss kriterji li jirrigwardaw iċ-ċirku ta' persuni li għandhom dritt għal azzjoni legali, peress li l-leġiżlatur nazzjonali ddefinixxa dawn il-kriterji b'mod vinkolanti fl-Artikolu 3 tal-UmwRG. Fl-opinjoni tiegħi, din l-espressjoni tirrigwarda wkoll is-suġġett ta' rikors u l-imsemmija kriterji għandhom ikunu konformi mad-dritt tal-Unjoni. Din il-kwistjoni ser tiġi eżaminata iktar 'il quddiem.

2. Dwar il-portata tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta

57. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorsi msemmija fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jistgħu jkunu suġġetti għal "kriterji", li minnhom jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilhom f'dan ir-rigward, jistabbilixxu regoli tad-dritt proċedurali dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġu eżerċitati tali rikorsi [17]. F'dan ir-rigward, kif tindika l-qorti tar-rinviju, l-emenda tal-UmwRG li saret matul is-sena 2018 kienet intiża, b'mod partikolari, sabiex tadatta l-liġi għar-rekwiżiti tad-dritt internazzjonali pubbliku li jirriżulta mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

58. Skont din il-qorti, Deutsche Umwelthilfe ma għandhiex, fil-qafas tad-dritt nazzjonali, il-*locus standi* sabiex tikkontesta deċiżjoni amministrattiva li tagħti l-approvazzjoni tat-tip KE [18]. Barra minn hekk, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, bħala tali, ma għandux effett dirett fid-dritt tal-Unjoni [19]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-każ fejn id-dritt nazzjonali ma jipprevedix il-*locus standi* ta' assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata, din id-dispożizzjoni, fiha nnifisha, ma tistax tagħtiha tali kwalità.

59. Madankollu, il-qorti tar-rinviju rreferiet għas-sentenza Protect sabiex tiġġustifika t-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha. F'dan ir-rigward, din is-sentenza toħloq ir-rabta bejn l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Artikolu 47 tal-Karta f'dak li jirrigwarda d-dritt għal aċċess għall-ġustizzja ta' organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent [20]. Ir-raġunament użat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza jidhirli li huwa perfettament trasponibbli għal din il-kawża, bil-mod segwenti.

[17] Sentenza tal-14 ta' Jannar 2021, Stichting Varkens in Nood *et* (C-826/18, EU:C:2021:7, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[18] Ara l-punti 32 sa 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[19] Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation (C-664/15, EU:C:2017:987, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[20] Dwar il-portata tal-Artikolu 47 tal-Karta, ara Safjan, M., u Düsterhaus, D., "A Union of Effective Judicial Protection: Addressing a Multi-level Challenge through the Lens of Article 47 CFREU", *Yearbook of European Law*, 2014, vol. 33, n 1, paġni 3 sa 40.

60. Skont il-punt 5 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46, l-approvazzjoni tat-tip KE hija intiża bħala l-att li permezz tiegħu *Stat Membru jiċċertifika* li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u l-ħtiġijiet tekniċi rilevanti ta' din id-Direttiva u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew fl-Anness XI tal-imsemmija direttiva. Dan l-Anness IV isemmi r-Regolament Nru 715/2007, li l-Artikolu 5(2) tiegħu huwa ta' natura vinkolanti.

61. Għalhekk, meta Stat Membru jistabbilixxi regoli tad-dritt proċedurali applikabbli għar-rikorsi msemmija fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u li jirrigwardaw l-eżerċizzju ta' drittijiet li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent tislet mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, sabiex deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiġu mistħarrġa fid-dawl tal-obbligi tagħhom taħt din id-dispożizzjoni, dan l-Istat Membru jimplementa obbligu li jirriżulta mill-imsemmija dispożizzjoni u għandu għaldaqstant jitqies bħala li jimplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li din hija applikabbli [21].

62. Minkejja li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, bħala tali, ma għandux effett dirett fid-dritt tal-Unjoni, xorta jibqa' l-fatt li din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet tad-dritt relatat mal-ambjent [22].

63. Id-dritt għal azzjoni legali previst fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiġi mċaħħad minn kwalunkwe effett utli, anki mis-sustanza tiegħu stess, jekk kellu jiġi aċċettat li, permezz tal-impożizzjoni ta' kriterji previsti mid-dritt intern, ċerti kategoriji ta' "membri tal-pubbliku", *a fortiori* "membri tal-pubbliku kkonċernat" bħall-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent li jissodisfaw ir-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 2(5) ta' din il-konvenzjoni, jiġu miċħuda minn kull dritt għal azzjoni legali [23]. Dawn l-assoċjazzjonijiet ma jistgħux jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jistħarrġu l-osservanza tar-regoli li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent, peress ukoll li tali regoli, ġeneralment, jiffavorixxu l-interess ġenerali u mhux is-sempliċi protezzjoni tal-interessi tal-individwi meħuda individwalment u li l-imsemmija organizzazzjonijiet għandhom il-missjoni li jiddefendu l-interess ġenerali [24].

64. Fil-fatt, it-termini "il-kriterji, jekk ikun hemm, stabbiliti fid-dritt nazzjonali tagħha" li jinsabu fl-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, għalkemm jimplikaw li l-Istati kontraenti jżommu setgħa diskrezzjonali fl-implementazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, ma jistgħux jippermettu li dawn jimponu kriterji li huma tant stretti li jkun effettivament impossibbli għall-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent li jikkontestaw atti jew ommissjonijiet imsemmija minn din id-dispożizzjoni [25].

65. F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Deutsche Umwelthilfe ma għandhiex *locus standi* sabiex tikkontesta deċiżjoni amministrattiva li tagħti l-approvazzjoni tat-tip KE minħabba li, b'mod partikolari, din l-approvazzjoni tikkostitwixxi "awtorizzazzjoni ta' prodott" u li, għal tali awtorizzazzjoni, id-dritt nazzjonali ma jippermettix li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent,

[21] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Protect, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[22] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Protect, punt 45, kif ukoll tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et* (C-197/18, EU:C:2019:824, punt 33).

[23] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Protect, punt 46, kif ukoll tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et* (C-197/18, EU:C:2019:824, punt 34).

[24] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Protect, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[25] Sentenza Protect, punt 48.

anki jekk taqa' taħt il-kunċett ta' "pubbliku kkonċernat", fis-sens tal-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, tippreżenta rikors quddiem qorti nazzjonali kontra d-deċiżjoni amministrattiva li tagħti l-approvazzjoni tat-tip KE lil vetturi. Billi b'hekk jiċħad lill-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent kull dritt għal azzjoni legali kontra tali deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni, id-dritt proċedurali nazzjonali kkonċernat jmur kontra r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-qari tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta [26].

66. Fi kliem ieħor, l-effett utli tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, eżaminat mill-perspettiva tad-dritt fundamentali għal rimedju ġudizzjarju effettiv, jimponi li għandu jiġi żgurat id-dritt li assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent awtorizzati jikkontestaw deċiżjoni amministrattiva li tagħti l-approvazzjoni tat-tip KE [27].

67. Hemm lok li jingħad ukoll li jekk dawn il-libertajiet protetti mill-Karta jistgħu jiġu limitati, kwalunkwe limitazzjoni tal-eżerċizzju tagħhom għandha tkun, skont l-Artikolu 52(1) tagħha, prevista mil-liġi u tosserva l-kontenut essenzjali tal-imsemmija libertajiet. Barra minn hekk, kif jirriżulta minn din id-dispożizzjoni b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss jekk dawn ikunu neċessarji u jkunu jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew ikunu jissodisfaw il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor [28]. Madankollu, f'dan il-każ, ma narax li l-għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni jista' jiġġustifika li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent tiġi mċaħħda mill-aċċess għall-ġustizzja sabiex tikkontesta l-approvazzjoni tat-tip KE għal vetturi [29].

68. Skont il-qorti tar-rinviju, anki interpretazzjoni estensiva jew b'analoġija tad-dritt nazzjonali ma tippermettix li jingħata *locus standi* lil assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent sabiex tikkontesta deċiżjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip KE. Madankollu, nirrileva li din il-qorti ssemmi sentenza tal-Verwaltungsgericht Berlin (il-Qorti Amministrattiva ta' Berlin, il-Ġermanja) tat-18 ta' April 2018 dwar il-legalità tal-awtorizzazzjoni tal-użu regolari ta' ċerti trakkijiet kbar u l-estensjoni tal-perijodu ta' prova ta' ċerti trakkijiet kbar oħra, li tipprevedi li t-tieni sentenza tal-Artikolu 42(2) tal-VwGO tagħti l-*locus standi* lil assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata li tfittex li jiġu osservati dispożizzjonijiet ibbażati fuq id-dritt dwar l-ambjent tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif tenfasizza l-KBA, Deutsche Umwelthilfe sostniet, fil-qafas tal-kawża prinċipali, li l-*locus standi* tagħha jirriżulta direttament mill-punt 6 tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 2(1) tal-UmwRG.

69. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta, sa fejn possibbli, id-dritt proċedurali li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex jiġi eżerċitat rimedju kemm skont l-għanijiet tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus kif ukoll skont l-għan tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni, sabiex tippermetti lil organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent, bħal Deutsche Umwelthilfe, tikkontesta quddiem qorti nazzjonali deċiżjoni li tista' tmur kontra d-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent [30].

[26] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Protect, punt 52.

[27] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Sharpston fil-kawża Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation (C-664/15, EU:C:2017:760, punt 91).

[28] Sentenza tat-3 ta' Frar 2021, Fussl Modestraße Mayr (C-555/19, EU:C:2021:89, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-KBA ssostni li l-liġi fundamentali għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlet għażla sistematika favur il-protezzjoni tad-drittijiet suġġettivi.

[29] Il-KBA ssostni li l-liġi fundamentali għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlet għażla sistematika favur il-protezzjoni tad-drittijiet suġġettivi.

[30] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Protect, punt 54, u tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114, punt 39).

70. Madankollu, jekk tali interpretazzjoni konformi tirriżulta li hija impossibbli, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-qorti nazzjonali, li għandha l-obbligu li tapplika, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, għandha l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ ta' dawn ir-regoli u ma tapplikax, fejn huwa neċessarju, fuq l-inizjattiva tagħha stess, kwalunkwe dispożizzjoni li tmur kontra l-leġiżlazzjoni nazzjonali, anki sussegwenti, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir tagħha minn qabel permezz ta' leġiżlazzjoni jew bi kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra [31].

71. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk hemmx lok li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiġi interpretat fis-sens li, fid-dawl tal-ħafna deċiżjonijiet li għandhom rabta mal-ambjent, l-Istati Membri jistgħux ineħħu ċerti deċiżjonijiet amministrattivi minn kwalunkwe kontroll ġudizzjarju fuq inizjattiva ta' assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent, bħal dawk relatati mal-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti, peress li l-possibbiltà li tiġi ppreżentata azzjoni legali hija limitata għal ċerti deċiżjonijiet kbar ta' konsegwenza għall-ambjent. Madankollu, jiena tal-opinjoni li tali approċċ ma jsib l-ebda sostenn la fid-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u lanqas fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fi kwalunkwe każ, kif issostni Deutsche Umwelthilfe, deċiżjoni li tagħti l-approvazzjoni tat-tip KE tista' tirrigwarda numru kbir ta' vetturi u għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li għandha biss sinjifikattiv żgħir għall-protezzjoni tal-ambjent. F'dan is-sens, kif tistipula l-premessa 6 tar-Regolament Nru 715/2007, huwa meħtieġ li jkomplu jitnaqqsu kunsiderevolment l-emissjonijiet ta' NOx ta' vetturi diżil sabiex titjieb il-kwalità tal-arja u jiġu osservati l-valuri limiti f'termini ta' tniġġis.

72. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, differenti mill-fatti li wasslu għas-sentenza Protect, dwar id-dritt Awtrijak, l-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent, fid-dritt Ġermaniż, għandhom il-possibbiltà, fil-qafas tal-UmwRG, li jistħarrġu l-awtorizzazzjoni ta' proġetti u li għalhekk ma hemm l-ebda esklużjoni totali tad-dritt li tiġi ppreżentata azzjoni legali għal assoċjazzjonijiet. Id-dritt proċedurali għalhekk ma fihx lakuna f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni ġudizzjarja li hija komparabbli ma' dik ikkonstatata f'din is-sentenza. Madankollu, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, assoċjazzjoni bħal Deutsche Umwelthilfe ma għandha l-ebda aċċess għall-ġustizzja sabiex tikkontesta deċiżjoni li tagħti approvazzjoni tat-tip KE. Għalhekk, jiena tal-opinjoni li l-ġurisprudenza mogħtija fil-qafas tas-sentenza Protect tapplika kompletament sabiex ikun hemm l-istħarriġ tal-osservanza ta' regola li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent.

73. Il-KBA u Volkswagen isostnu li l-*actio popularis* ma hijiex parti mis-sistema tad-dritt proċedurali Ġermaniż u li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent għalhekk għandha dejjem ikollha ssostni li hija subiet, minħabba l-azzjoni tal-awtoritajiet, eventwalment dannu għad-drittijiet tagħha. Madankollu, f'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, ma twassalx għal *actio popularis* [32]. Fil-fatt, id-dritt għal aċċess għal ġustizzja f'kawża bħall-kawża prinċipali jippreżupponi li d-dritt nazzjonali ta lill-assoċjazzjoni kkonċernata d-dritt li jkollha *locus standi in judicio*, peress li l-istatuti tagħha ġew approvati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Tali assoċjazzjoni tippreżenta b'hekk garanziji ta' serjetà u ta' kompetenza fl-eżerċizzju tal-azzjoni

[31] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Protect, punt 56.

[32] Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation (C-664/15, EU:C:2017:760, punt 81), l-Avukata Ġenerali Sharpston irrileva li l-awturi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għażlu li ma joħolqux *actio popularis* fil-qasam tal-ambjent u ddeċidew li jsaħħu l-funzjoni ta' organizzazzjonijiet favur l-ambjent. L-Avukat Ġenerali żied li, billi għamlu hekk, huma ħadu t-triq tan-nofs bejn il-metodu massimalista (*actio popularis*) u l-metodu minimalista (jiġifieri dritt ta' azzjoni individwali disponibbli biss għal partijiet li jkollhom interess dirett fil-kwistjoni).

tagħha [33]. Peress li dawn l-assoċjazzjonijiet għandhom interess ġuridiku rrikonoxxut fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, huma suffiċjentement ikkonċernati minn ksur ta' dispożizzjonijiet direttament applikabbli tad-dritt dwar l-ambjent sabiex jinvokaw dawn id-dispożizzjonijiet quddiem il-qrati nazzjonali [34].

74. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata, li għandha *locus standi in judicio* bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, għandha tkun tista' tikkontesta quddiem qorti nazzjonali deċiżjoni amministrattiva li tagħti approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi li tista' tkun kuntrarja għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, dispożizzjoni li tipprojbixxi, mingħajr eċċezzjoni, l-użu ta' tagħmir ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi tal-kontroll tal-emissjonijiet.

B. Dwar it-tieni domanda preliminari

75. Permezz tat-tieni domanda tagħha, magħmula f'każ ta' risposta fl-affermattiv tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-"bżonn" ta' tagħmir ta' manipulazzjoni għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura għandux jiġi evalwat fid-dawl tal-livell tat-teknoloġija eżistenti fid-data tal-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi kkonċernati u jekk hemmx lok li jiġu kkunsidrati ċirkustanzi oħra minbarra l-imsemmi "bżonn" sabiex tiġi eżaminata l-legalità ta' tagħmir ta' manipulazzjoni [35].

76. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007, l-użu ta' tagħmir ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi tal-kontroll tal-emissjonijiet huwa pprojbit. Madankollu, din il-projbizzjoni għandha tliet eċċezzjonijiet, fosthom dik li tinsab fil-punt a) ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri meta l-"bżonn tat-tagħmir huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura".

77. B'mod preliminari, nirrileva li, fid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlaq mill-premessa li t-tieqa ta' temperaturi tikkostitwixxi "tagħmir ta' manipulazzjoni", fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007. Fis-sentenza CLCV, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jikkostitwixxi tali "tagħmir ta' manipulazzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, apparat li jidentifika kull parametru marbut mal-iżvolġiment tal-proċeduri ta' approvazzjoni previsti minn dan ir-regolament, sabiex titjieb il-prestazzjoni, matul dawn il-proċeduri, tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet, u hekk tinkiseb l-approvazzjoni tal-vettura, anki jekk tali titjib jista' jiġi osservat, f'ċirkustanzi speċifiċi, f'kundizzjonijiet ta' użu normali tal-vettura [36].

[33] Kif irrileva l-Avukata Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation (C-664/15, EU:C:2017:760, punt 74), l-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent li jissodisfaw rekwiżiti ġġustifikati oġġettivament, trasparenti u mhux diskriminatorji li jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja skont id-dritt nazzjonali għandu jkollhom id-dritt li jinvokaw l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

[34] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Lesoochranárske zoskupenie VLK (C-243/15, EU:C:2016:491, punt 49).

[35] Fit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssemmi "tagħmir ta' manipulazzjoni". Madankollu, peress li l-kawża prinċipali tirrigwarda biss it-tieqa ta' temperaturi, ser nirreferi biss għal dan it-tagħmir ta' manipulazzjoni.

[36] Sentenza CLCV, punt 102.

78. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ukoll li l-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2)(a) tal-imsemmi regolament tkun imċaħħda mis-sustanza u mċaħħda minn kull effett utli jekk il-manifatturi kienu awtorizzati jattrezzaw il-vetturi ta' tali tagħmir ta' manipulazzjoni bl-għan uniku li jipproteġi l-magna milli tinstadd jew milli tiqdiem [37]. Din il-ġurisprudenza ngħatat fil-kuntest tal-eżami tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni tas-sistema ta' kommutazzjoni.

79. Il-Kawżi C-128/20, GSMB Invest; C-134/20, Volkswagen u C-145/20, Porsche Inter Auto u Volkswagen, minn naħa tagħhom, jirrigwardaw tieqa ta' temperaturi simili għal dik li hija s-suġġett ta' din id-domanda. Fil-konklużjonijiet komuni tiegħi f'dawn it-tliet kawżi [38], li ppreżentajt fit-23 ta' Settembru 2021, ipproponejt lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-punt 10 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 715/2007, moqri flimkien mal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li apparat li, f'kundizzjonijiet ta' sewqan reali ta' vettura bil-mutur, ma jiżgurax kompletament ir-riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost ħlief meta t-temperatura ta' barra tkun bejn 15 u 33 grad Celsius u l-altitudni taċ-ċirkulazzjoni tkun inqas minn 1 000 metru, filwaqt li barra minn din il-firxa ta' temperaturi, b'marġni ta' 10 gradi Celcius, u f'altitudni ta' iktar minn 1 000 metru, b'marġni ta' 250 metru, ir-rata ta' riċirkolazzjoni tal-gass tal-egżost tonqos b'mod lineari għal 0, b'tali mod li l-emissjonijiet ta' NOx jiżdiedu tant li jaqbżu l-valuri ta' limitu stabbiliti mill-imsemmi regolament, jikkostitwixxi "tagħmir ta' manipulazzjoni" [39]. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma trasponibbli għal din il-kawża.

80. Permezz tal-punt a) tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-"bżonn" ta' tagħmir ta' manipulazzjoni għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura għandux jiġi evalwat fid-dawl ta' dak li huwa teknikament fattibbli fid-data tal-approvazzjoni tat-tip KE tal-vetturi kkonċernati.

81. Jiena naqbel ma' din il-qorti li, sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandna mmorru għad-data tal-approvazzjoni tat-tip KE. Fil-fatt, din tirrigwarda vetturi ġodda, li għandhom josservaw l-atti leġiżlattivi fis-seħħ fil-mument tal-approvazzjoni, fosthom dawk imsemmija fl-Anness IV tad-Direttiva 2007/46, li jinkludu r-Regolament Nru 715/2007.

82. Fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi relatati ma' din l-approvazzjoni, fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawżi C-128/20, GSMB Invest; C-134/20, Volkswagen, u C-145/20, Porsche Inter Auto u Volkswagen ikkunsidrajt li r-Regolament Nru 715/2007 mkien ma jsemmi li għandha tintuża teknoloġija partikolari għall-approvazzjoni tat-tip KE [40]. Fi kliem ieħor, kif issostni Volkswagen, dan ir-regolament, bl-istess mod bħad-Direttiva 2007/46, huwa kkonċepit b'mod newtrali fuq il-livell teknoloġiku.

83. Fakkart ukoll li, skont il-premessa 7 tal-imsemmi regolament, "[f]l-iffissar tal-istandards għall-emissjonijiet huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, in-nefqiet diretti u indiretti imposti fuq in-negozju u l-benefiċċji li jinħolqu f'termini ta' tħeġġiġ ta' l-innovazzjoni, titjib fil-kwalità ta' l-arja, tnaqqis fin-nefqiet għas-saħħa, u żieda fil-medja ta' l-għomor, kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' l-impatt globali fuq l-emissjonijiet CO_2". Għalhekk, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni ddetermina l-valuri ta' limitu ta' emissjoni ta' inkwinanti, huwa kien diġà kkunsidra l-interessi tal-manifatturi tal-vetturi. Għaldaqstant, huma dawn tal-aħħar li għandhom jadattaw ruħhom u japplikaw tagħmir tekniku xieraq sabiex

[37] Sentenza CLCV, punt 113.

[38] Konklużjonijiet fil-kawżi GSMB Invest, Volkswagen u Porsche Inter Auto u Volkswagen (C-128/20, C-134/20 u C-145/20, EU:C:2021:758).

[39] Punt 104 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[40] Punt 129 ta' dawn il-konklużjonijiet.

josservaw dawn il-valuri ta' limitu, mingħajr ma t-teknika użata tkun *neċessarjament l-aħjar waħda possibbli jew tkun imposta*[41]. F'dan is-sens, kif tenfasizza l-KBA, jista' jkun suffiċjenti li jintużaw teknoloġiji moderni medji mifruxa fis-suq, bil-kundizzjoni li jkunu konformi mar-rekwiżiti mitluba għall-approvazzjoni tat-tip KE.

84. Inżid li l-awtorizzazzjoni ta' tagħmir ta' manipulazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007 għas-sempliċi raġuni li, pereżempju, l-ispejjeż tar-riċerka huma kbar, l-apparat tekniku jiswa ħafna flus jew li l-vettura tkun teħtieġ manutenzjoni iktar frekwenti u iktar għalja għall-utent, tneħħi s-sustanza tal-imsemmi regolament[42].

85. Għal darb'oħra, dawn il-kunsiderazzjonijiet jidhirli li huma trasponibbli għal din il-kawża. F'dan is-sens, jien naqbel mal-qorti tar-rinviju meta ssostni li kwalunkwe eċċezzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007 għandha, bħala regola, tkun eskluża meta, għal raġunijiet finanzjarji, il-manifattur jattrezza magni b'tali mod li, f'kundizzjonijiet normali ta' funzjonament, is-sikurezza għall-magna ta' teknika effettiva ta' kontroll ta' emissjonijiet ma hijiex żgurata u li din it-teknika hija diżattivata fil-parti l-kbira tagħha għal din ir-raġuni.

86. Hemm "bżonn" ta' tagħmir ta' manipulazzjoni biss meta l-ebda soluzzjoni ma tippermetti li jiġu evitati riskji immedjati ta' ħsarat li jiġġeneraw perikolu konkret matul is-sewqan tal-vettura[43].

87. Barra minn hekk, permezz tal-punt b) tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, apparti l-livell tat-teknoloġija, għandhomx jiġu kkunsidrati wkoll ċirkustanzi oħra li jistgħu jagħmlu legali tagħmir ta' manipulazzjoni minkejja li, imkejjel biss f'termini tal-livell tat-teknoloġija fid-data rilevanti, ma hemmx "bżonn", fis-sens tal-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007, għal dan it-tagħmir.

88. F'dan ir-rigward, f'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "bżonn", mis-sentenza CLCV jirriżulta li l-imsemmi Artikolu 5(2)(a) jikkostitwixxi eċċezzjoni għall-projbizzjoni tal-użu ta' tagħmir ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet, għandha tkun *interpretata b'mod strett*[44].

89. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fin-nuqqas ta' "bżonn" tat-tagħmir ta' manipulazzjoni inkwistjoni f'dan il-każ, kif tindika l-qorti tar-rinviju fil-punt b) tat-tieni domanda tagħha[45], ma hemm l-ebda ċirkustanzi oħra, fil-fehma tiegħi, li jistgħu jagħmlu tagħmir ta' manipulazzjoni legali. Fil-fatt, peress li ż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħra previsti fl-Artikolu 5(2)(b) u (c) tar-Regolament Nru 715/2007 ma humiex applikabbli fil-kawża prinċipali, dan ir-regolament ma jipprevedix ġustifikazzjoni addizzjonali għall-awtorizzazzjoni ta' tagħmir ta' manipulazzjoni.

90. Għalhekk, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda fis-sens li l-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-"bżonn" ta' tagħmir ta' manipulazzjoni għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u

[41] Konklużjonijiet fil-kawżi GSMB Invest, Volkswagen u Porsche Inter Auto u Volkswagen (C-128/20, C-134/20 u C-145/20, EU:C:2021:758, punt 129).

[42] Konklużjonijiet fil-kawżi GSMB Invest, Volkswagen u Porsche Inter Auto u Volkswagen (C-128/20, C-134/20 u C-145/20, EU:C:2021:758, punt 130).

[43] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza CLCV, punt 114.

[44] Sentenza CLCV, punt 112.

[45] Din hija evalwazzjoni fattwali li għandha ssir mill-qorti tar-rinviju.

għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura ma għandux jiġi evalwat fid-dawl tal-livell tat-teknoloġija eżistenti fid-data tal-approvazzjoni tat-tip KE u li ma hemmx lok li jiġu kkunsidrati ċirkustanzi oħra minbarra l-imsemmi "bżonn" sabiex tiġi eżaminata l-legalità ta' tagħmir ta' manipulazzjoni.

V. Konklużjoni

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mis-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva tas-Schleswig-Holstein, il-Ġermanja) bil-mod segwenti:

1) L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus (Danimarka) fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata għan-nom tal-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005, moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent approvata, li għandha *locus standi in judicio* bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, għandha tkun tista' tikkontesta quddiem qorti nazzjonali deċiżjoni amministrattiva li tagħti approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi li tista' tkun kuntrarja għall-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 715/2007 (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Eur 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, dispożizzjoni li tipprojbixxi, mingħajr eċċezzjoni, l-użu ta' tagħmir ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll ta' emissjonijiet

2) L-Artikolu 5(2)(a) tar-Regolament Nru 715/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-"bżonn" ta' tagħmir ta' manipulazzjoni għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura ma għandux jiġi evalwat fid-dawl tal-livell tat-teknoloġija eżistenti fid-data tal-approvazzjoni tat-tip KE u li ma hemmx lok li jiġu kkunsidrati ċirkustanzi oħra minbarra l-imsemmi "bżonn" sabiex tiġi eżaminata l-legalità ta' tagħmir ta' manipulazzjoni.